



KARTA DWAR L-ETIKA U L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI ¹

I. Il-kuntest u l-għan ta' dan id-dokument

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“QĠUE”) hija impenjata li tiżviluppa, tniedi u tuża l-Intelliġenza Artifiċjali (iktar 'il quddiem l-“IA”) konformement mal-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, bil-għan li tippromwovi IA affidabbli u mibnija madwar il-bniedem. Fir-rigward tas-sistemi tal-IA, il-QĠUE operat u ser tkompli topera b'konformità stretta mar-regoli legali applikabbli, kif stabbiliti, b'mod partikolari, fir-Regolament tal-Unjoni dwar il-Protezzjoni tad-Data ² u fl-Att dwar l-IA ³. Madankollu, IA affidabbli ma għandhiex tkun biss legali, iżda għandha tkun ukoll etika u soda, kemm minn perspettiva teknika u kemm minn perspettiva soċjali ⁴.

Fuq din il-bażi, il-QĠUE qiegħda progressivament tniedi numru ta' strumenti bbażati fuq l-IA, inkluż bil-għan li jassistu lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom. Dawn l-istrumenti huma mistennija jtejbju l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi ġudizzjarji u amministrattivi, u jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini.

L-IA tqajjem numru ta' riskji meta tiġi applikata għal attivitajiet li jipprovdu appoġġ lill-funzjonijiet ġudizzjarji fi ħdan il-QĠUE. L-iktar prominenti fost dawn ir-riskji huma n-nuqqas ta' imparzjalità u d-diskriminazzjoni marbuta mal-użu ta' data mhux adegwata jew difettuża, l-iżvelar ta' informazzjoni sensittiva, inkluża data personali, attakki ċibernetiċi, nuqqas tal-possibbiltà li tingħata spjegazzjoni u, daqstant ieħor importanti fil-kuntest ta' attivitajiet ġudizzjarji, dipendenza eċċessiva fuq it-teknoloġija (“preġudizzju tal-awtomatizzazzjoni”). Dan tal-aħħar jista' jwassal għal waqfien fl-iżvilupp tal-ġurisprudenza, għal tnaqqis fl-attenzjoni mogħtija lil sistemi legali oħra, għall-għoti ta' iktar importanza lil ċerti kulturi legali, u għal impatt fuq il-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

¹ Din il-Karta ġiet adottata mill-QĠUE fis-26 ta' Jannar 2026.

² Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

³ Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>). Għalkemm l-Att dwar l-IA daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2024, id-dati li fih saru applikabbli d-dispożizzjonijiet tiegħu jvarjaw mit-2 ta' Frar 2025 sat-2 ta' Awwissu 2027. Sa fejn huwa possibbli fil-prattika, il-QĠUE hija impenjata li tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet kollha immedjatament, mingħajr ma tistenna d-data ta' applikazzjoni uffiċjali tagħhom.

⁴ Grupp ta' Esperti Indipendenti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, Linji Gwida dwar l-Etika għal IA Affidabbli, 2019.

Għandhom jiġu stabbiliti standards ta' etika sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji u sabiex jiġi żgurat li l-bnedmin, b'mod partikolari l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali, iżommu kontroll sħiħ fuq il-proċeduri ġudizzjarji u jħarsu l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom.

Din il-Karta ⁵ tesprimi l-impenji tal-QĠUE fir-rigward tal-użu etiku tal-għodda tal-IA żviluppati jew immedja fi ħdan l-istituzzjoni. Hija tipprovdi ċarezza lill-utenti fi ħdan l-istituzzjoni, kif ukoll lill-pubbliku, dwar kif l-istituzzjoni għandha l-intenzjoni topera. Il-Karta hija rilevanti għall-ħolqien, għall-adozzjoni u għall-użu ta' sistemi tal-IA matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom.

II. Standards etiċi u miżuri intiżi li jippromwovu l- responsabbli u li jimmitigaw ir-riskji

A. Ekwità, imparzjalità, nondiskriminazzjoni u drittijiet fundamentali

Il-QĠUE ser tiżgura li kull sistema tal-IA maħluqa mid-dipartimenti tagħha jew minn kuntratturi li jaġixxu taħt il-kontroll tagħha titfassal u tiġi implimentata konformement mal-prinċipji ta' ekwità, ta' imparzjalità u ta' nondiskriminazzjoni, u li tali sistema tirrispetta kompletament id-drittijiet fundamentali. Bl-istess mod, meta tagħżel sistemi tal-IA ta' terzi sabiex jitniedu fi ħdan l-istituzzjoni, il-QĠUE għandha tiegħu l-passi raġonevoli kollha, ibbażati fuq l-informazzjoni disponibbli, sabiex tiżgura li tali sistemi jkunu konformi ma' dawn il-prinċipji u ma' dawn id-drittijiet fundamentali.

Is-settijiet ta' data użati għat-taħriġ kurrentwali, għall-validazzjoni u għall-ittestjar tas-sistemi tal-IA fi ħdan il-QĠUE għandhom ikunu rilevanti, rappreżentattivi u sa fejn ikun possibbli mingħajr żbalji, kompleti, konsistenti u aġġornati. Għandhom isiru l-isforzi raġonevoli kollha sabiex jiġi identifikat, ikkoreġut u mmitigat kull preġudizzju possibbli li jista' jwassal għal diskriminazzjoni pprojbita taħt id-dritt tal-Unjoni, li jista' jaffettwa l-imparzjalità jew li jista' jkollu kwalunkwe impatt negattiv ieħor fuq id-drittijiet fundamentali.

Sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu, is-sistemi u l-interfaces tal-IA żviluppati jew immedja mill-QĠUE għandhom jakkomodaw ftigijiet u abbiltajiet differenti. Il-QĠUE hija impenjata li tnaqqas l-ostakoli li joħorġu minn differenzi fil-kompetenza teknoloġika – kemm jekk fil-post tax-xogħol, fil-kuntest ta' proċeduri legali, jew fil-kuntatt tal-pubbliku mal-QĠUE. L-użu tal-għodda tal-IA għandu jippromwovi l-multikulturaliżmu, konformement mal-valuri tal-QĠUE.

B. Trasparenza u traċċabbiltà

Il-QĠUE ser tuża s-sistemi tal-IA biss fl-interess pubbliku, sabiex taqdi l-missjoni u l-kompiti tagħha taħt it-Trattati tal-Unjoni, u dan biss għall-iskop intenzjonat ta' kull sistema. L-iskop

⁵ Il-Karta tibni fuq l-Istrateġija dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, adottata fid-19 ta' Ġunju 2023 u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sit internet tal-QĠUE (https://curia.europa.eu/cms/upload/docs/application/pdf/2023-11/cjeu_ai_strategy.pdf). L-Istrateġija elenkat il-benefiċċji mistennija mit-tnedija ta' għodda tal-IA, stabbilixxiet il-prinċipji li l-QĠUE għandha l-intenzjoni ssegwi u stabbilixxiet mudell ta' governanza interna xieraq, b'mod partikolari l-Bord għall-Ġestjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali, kompost minn Membri taż-żewġ qradi kif ukoll minn rappreżentanti tal-amministrazzjoni.

speċifiku u l-għanijiet ta' kull sistema tal-IA u ta' kull kategorija ta' użu għandhom ikunu debitament identifikati u ddokumentati.

Il-Membri u l-membri tal-persunal tal-QĠUE għandhom jirċievu spjegazzjonijiet u informazzjoni ddettaljata dwar il-funzjonament tal-għodda tal-IA. Il-limitazzjonijiet f'termini ta' preċiżjoni tas-sistemi tal-IA għandhom ikunu deskritti b'mod li jinftehem.

L-utenti għandhom jiġu informati meta jkunu qegħdin jinteraġixxu ma' sistema tal-IA. Il-kontenut iġġenerat mill-IA mingħajr verifika għandu jiġi identifikat bħala tali jekk jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' persuni oħra għajr l-utent li jkun talab il-ħolqien tiegħu.

Is-settijiet tad-data u l-proċessi użati għat-taħriġ kurrentwali, li jkunu rilevanti għall-output ta' sistema tal-IA, għandhom ikunu magħrufa u ddokumentati.

C. Integrità tas-sistema u kunfidenzjalità

Is-sistemi tal-IA għandhom ikunu teknikament sodi u għandhom joperaw b'mod sigur, sikur u affidabbli, b'mekkaniżmi ta' salvagwardja adegwati, b'reżiljenza kontra attakki, bi protezzjoni kontra użu malizzjuż, u b'mekkaniżmi ta' riżerva effettivi sabiex jiġu evitati jew limitati effetti negattivi.

Il-kunfidenzjalità hija karatteristika fundamentali u ewlenija tal-ħidma tal-QĠUE. Dan jeżiġi approċċ partikolarment kawt u meqjus fl-integrazzjoni tal-għodda tal-IA. Kull użu tal-IA għandu jkun kompletament konformi mal-protokoll ta' kunfidenzjalità eżistenti tal-istituzzjoni, mar-regoli tas-sigurtà interna, u mal-istandards tal-protezzjoni tad-data.

D. L-aġenzija mill-bniedem, sorveljanza u akkontabbiltà

Fi ħdan il-QĠUE, it-tqassim tal-kompiti bejn l-IA u l-bnedmin għandu jħares ir-rwol ċentrali ta' dawn tal-aħħar, għandu jsaħħaħ il-kapaċitajiet tagħhom u għandu jeħtieġ sorveljanza adegwata mill-bniedem. Fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji, il-bnedmin, b'mod partikolari l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali, għandhom iżommu kontroll sħiħ. Is-sistemi tal-IA ma għandhomx jiġu fdati b'responsabbiltajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Is-sistemi kollha tal-IA għandhom jiġu żviluppati, imnedija u użati taħt superviżjoni mill-bniedem. Għandhom jiġu implimentati mekkaniżmi u protokoll ta' kontroll ta' kwalità b'saħħithom. Dawn ser jinkludu kontrolli u feedback mill-utenti dwar il-kwalità tal-output. Dawk responsabbli għal dawn il-kontroll għandhom jirrapportaw anomaliji u żbalji.

L-utenti għandhom jadottaw approċċ kritiku fir-rigward ta' outputs iġġenerati mill-magna, għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u l-kompletezza tagħhom f'kull każ u għandhom jirrapportaw żbalji, problemi jew anki sempliċi dubji, bil-għan li jitwettqu verifiki ulterjuri.

Il-QĠUE għandha tiddefinixxi u talloka responsabbiltajiet fid-diversi fażijiet ta' żvilupp, ta' tnedija u ta' użu tas-sistemi tal-IA u għandha tistabbilixxi proċessi li jissorveljaw il-funzjonament tagħhom u li jikkoreġu d-dgħjufijiet u n-nuqqasijiet tagħhom.

Il-QĠUE għandha tiżviluppa u tħaddan kultura ta' verifika tad-data, li tipprowdi garanzji effettivi dwar il-preċiżjoni, l-integrità, il-veraċità u l-affidabbiltà tad-disinn, l-iżvilupp u l-użu tal-IA.

Sabiex jiġu evitati lakuni fl-akkontabbiltà, l-użu tas-sistemi tal-IA għandu jkun marbut dejjem ma' allokkazzjoni interna ċara tar-responsabbiltà għad-dokument finali, jew għal riżultat prodott bl-għajnuna tal-IA. L-akkontabbiltà għall-prodott finali taqa' fuq l-individwu u ma tistax tiġi ttrasferita lis-sistema tal-IA.

Is-sistemi tal-IA żviluppati mid-dipartimenti tal-QĠUE jew mill-kuntratturi tagħha għandhom ikunu regolarment is-suġġett ta' testijiet u ta' verifiki sabiex jiġu identifikati u kkoreġuti preġudizzji u nuqqasijiet li jista' jkun hemm u sabiex tittejjeb il-kwalità tal-output tagħhom.

L-istituzzjoni hija impenjata li tippromwovi kultura ta' użu responsabbli u affidabbli tal-IA billi tipprowdi taħriġ regolari u inizjattivi għas-sensibilizzazzjoni tal-membri tal-persunal tagħha.

Il-mekkaniżmi ta' governanza għandhom jiġu rreveduti u, jekk xieraq, adattati, sabiex jiġi żgurat li jibqgħu adegwati.

E. Responsabbiltà lejn is-soċjetà u l-ambjent

Il-QĠUE hija konxja tar-responsabbiltà tagħha lejn is-soċjetà u l-ambjent meta tniedi sistemi tal-IA. Hija ser tqis b'attenzjoni l-impatti potenzjali.

Hija ser tiżgura li t-tnedija tagħhom la tnaqqas id-dimensjoni umana tal-interazzjoni taċ-ċittadini mal-QĠUE u lanqas ma tkompli twessa' d-"distakk diġitali".

L-iżvilupp, it-tnedija u l-użu ta' sistemi tal-IA għandhom ikunu intiżi li jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari f'termini ta' konsum ta' enerġija u ta' ilma u f'termini ta' emissjonijiet ta' CO₂. Għandu jitqies jekk jistgħux isiru għażliet li jkollhom impatt ambjentali iżgħar.

F. Titjib kontinwu

Il-QĠUE timpenja ruħha li żżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi tekniċi, legali u etiċi.

Il-QĠUE ser tkompli tippromwovi u tipparteċipa attivament fi djalogu mal-qrati u mal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-użu tal-IA. Hija ser tkompli trawwem kooperazzjoni interistituzzjonali u ser tkompli taħdem ma' istituzzjonijiet ġudizzjarji oħra sabiex tikkondividi l-esperjenzi. Hija ser tfittex li tidentifika u timplimenta l-aħjar prattika, u ser tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet akkademiċi u soċjali.

Il-Bord għall-Ġestjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali ser jikkunsidra feedback rilevanti u żviluppi teknoloġiċi, kif ukoll ir-riżultati tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni formali tiegħu stess, bil-għan li jipproponi bidliet u aġġustamenti xierqa lil din il-Karta jew gwida ddettaljata dwar kwistjonijiet partikolari.